

**Paġna ewlenija>Kwistjonijiet tal-familja u wirt>Tqegħid ta' minuri f'pajjiż ieħor inkl. f'foster family**

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [nl](#) għiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

I-Olandiż

Swipe to change

Tqegħid ta' minuri f'pajjiż ieħor inkl. f'foster family

Olanda

1 Liema awtorità għandha tiġi kkonsultata u biex jingħata kunsens minn qabel qabel it-tqegħid transfruntier ta' minuri fit-territorju tiegħek?

It-tqegħid fin-Netherlands ta' wild minn Stat Membru ieħor jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Awtorità Ċentrali. Għal dan l-għan, l-Awtorità Ċentrali tikkonsulta fornitur tal-foster care biex jeżamina l-adeqwatezza tal-ġenituri foster li l-minuri ikun se jitqiegħed għandhom.

2 Jekk jogħġbok iddeskrivi fil-qosor il-proċedura għall-konsultazzjoni u l-kisba tal-kunsens (inklużi d-dokumenti meħtieġa, l-iskadenzi, il-modalitajiet tal-proċedura, u dettalji rilevanti oħra) għat-tqegħid transfruntier tat-tfal fit-territorju tiegħek.

Jekk il-qorti jew awtorità oħra fi Stat Membru ieħor tkun qed tikkunsidra li tqiegħed minuri fin-Netherlands, trid tintbagħat talba motivata lill-Awtorità Ċentrali. Din it-talba trid tinkludi rapport dwar il-minuri. Imbagħad, l-Awtorità Ċentrali tikkonsulta fornitur tal-foster care biex jeżamina l-adeqwatezza tal-ġenituri foster li l-minuri ikun se jitqiegħed għandhom. Fuq talba tal-Awtorità Ċentrali, il-Kunsill għall-Protezzjoni tat-Tfal (*Raad voor de Kinderbescherming*) jeżamina jekk tistax tinħareġ dikjarazzjoni ta' ebda oġġezzjoni.

3 L-Istat Membru tiegħek iddeċieda li mhux meħtieġ il-kunsens għal tqegħid transfruntier ta' tfal fit-territorju tiegħek fejn il-minuri għandu jitqiegħed ma' ċerti kategoriji ta' qraba stretti? Jekk iva, x'inhuma l-kategoriji ta' qraba stretti?

Le, ma hemm l-ebda eċċezzjoni għar-reqwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel. Kull tqegħid għand persuni għajr wieħed mill-ġenituri tal-minuri jridu jsegwu l-proċedura ta' approvazzjoni.

4 L-Istat Membru tiegħek għandu fis-seħħ xi ftehimiet jew arranġamenti għas-simplifikazzjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni biex jinkiseb il-kunsens għat-tqegħid transfruntier tat-tfal?

Le.

L-aħħar aġġornament: 09/05/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.